MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 370/2010

**Paul Tanti**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Paul Tanti pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-hamsa (5) t'Ottubru, 2010 fejn espona s-segwenti:

*"Illi l-esponenti gie notifikat bl-ittra ufficjali surriferita sabiex drittijiet ta' licenzji mhux imhallsa u multa amministrattiva fil-konfront ta' vettura LAH 596 jigu rezi titolu ezekuttiv.*

*Illi l-esponenti kien biegh l-imsemmija vettura lil certu Paul Abela lura fl-ahhar ta' l-elfejn u tnejn (2002) u kien iffirma d-dokumenti appositi fil-prezenza ta' ufficjal tal-pulizija,*

*ismu mhux maghruf fl-ghassa tal-Pulizija tal-Mosta, sabiex isir it-transfer ta' l-imsemmija vettura.*

*Illi l-esponenti qatt ma rcieva xejn qabel l-ittra odjerna u dejjem kien minghalih illi t-trasferiment gie registrat ma' l-Awtoritajiet kompetenti. Sa fejn jaf l-esponent dan l-imsemmi Paul Abela qieghed presenzjalment detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.*

*Illi ghalhekk l-esponenti ma jistax jinzamm responsabbli ghall-hlas ta' licenzji u multi amministrattivi.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna illi l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali surriferita ma jigix rez titolu ezekuttiv, bl-ispejjez kontra l-Awtorita' ntimata."*

Rat id-digriet taghha tas-sebgha (7) t'Ottubru, 2010 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-7 ta' Dicembru 2010 b'dan li l-intimat kellu jipprezenta r-risposta tieghu fi zmien hmistax-il jum min notifika tar-rikors lilu.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta pprezentata fl-ghoxrin (20) t'Ottubru, 2010 fejn esponiet is-segwenti:

*1. "Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.*

*2. Fit-tieni lok, kif jammetti l-istess rikorrenti fir-rikors tieghu, huwa mar l-Ghassa tal-Pulizija u ffirma l-logbook tal-vettura hemmhekk. Dan ifisser li huwa ma tax avviz lill-Awtorita' b'dan, u allura huwa ghadu responsabbli skond il-ligi anke ghall-arretrati tal-licenzji. L-avviz tat-trasferiment kellu jinghata lill-Awtorita' ntimata u mhux lil xi Awtorita' ohra (il-Pulizija) dejjem jekk dan effettivament sar kif qieghed jallega r-rikorrenti.*

*3. Fir-rigward tal-penali ta' €2 kuljum imposti a tenur tar-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni w Licenzjar ta' vetturi bil-Mutur (L.S. 368.02) gie ndikat lir-rikorrenti u dan sabiex jigi mwissi li*

*hemm din il-multa amministrattiva ghaddejja. Dan l-ammont li sal-lum (18 t'Ottubru, 2010) jammonta ghal €764, ma jifformax parti mill-ammont dovut u rikjest fl-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kull kaz, dak li jallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.*

*Ghaldaqstant l-Awtorita' ntimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal raguninijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2011 xehed ir-rikorrent **Paul Tanti** li kkonferma li kellu kelli l-vettura LAH-596 u li kien bieghha lil certu Paul Abela, w dan fis-sena elfejn u tnejn (2002). Jghid li kien iffirmalu l-parti tieghu tal-log book u marru l-ghassa w Abela kien qallu li kellu ħuh pulizija, biex ma jihux hsieb u li kien se jkompli bit-transfer 'l ghada. Sostna li kien rega' ltaqa' mieghu ftit wara w staqsejtu jekk kienx ghamel it-transfer, u dan qallu li kollox kien lest. Qallu li jekk jircievi citazzjonijiet, kien se jhallas kollox hu, u zied li sa seba' jew tmien snin wara qatt ma sema' xejn. Sussegwentement mar ifittxu w ma sabux u qalulu li kien il-habs. Spjega li llum il-gurnata huwa pensjonant u flus m'ghandux. Stqarr illi wara seba' (7) snin ircieva xi citazzjonijiet u mbaghad l-ittra ufficcjali. Qal li kienu marru l-ghassa ghaliex kien hemm pulizija li ghamel xhud. Mistoqsi min hu x-xhud fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta jghid illi ma jafx min hu.

Zied li mis-sena elfejn u tnejn (2002) sas-sena elfejn u ghaxra (2010) sakemm ircieva l-ittra ufficcjali ta' *Transport Malta* hu halla kollox f'idejn dan Paul Abela u ghalih kollox kien lest. Stqarr li l-Awtorità ma marx kellu jmur Abela.

Xehed ukoll **Brian Farrugia** in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Dwar il-vettura LAH 596 jghid illi din hija tal-ghamla *Seat 127* u ilha registrata f'isem ir-rikorrenti Paul Tanti sa mit-tmintax (18) ta' Gunju

elfejn u tnejn (2002) u ghadha registrata hekk sal-lum. Qal li hu qatt ma rcieva komunikazzjoni minghand Paul Tanti li huwa kien biegh din il-vettura lil terza persuna. Ghalhekk l-Awtorità qatt ma hadet passi fil-konfront ta' dan Paul Abela. Lanqas Paul Abela ma qatt ikkomunika maghhom.

Qal li din il-vettura giet registrata l-ewwel darba fl-ghaxra (10) ta' Jannar nineteen seventy two (1972). Qabel li qabel ma l-vettura giet rgistrata f'isem ir-rikorrenti il-vettura kienet registrata f'isem terza persuna, certu Simon Mallia. Mistoqsi jekk il-vettura kellhiex licenzji mhallsa mit-two thousand and two (2002) 'il hawn qal illi l-ahhar licenzja li thallset kienet sa Dicembru elf disgha mija u tnejn .

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatt jirrizulta anke fuq ammissjoni tar-rikorrenti stess li ilu ma jhallas il-licenjza tal-vettura LAH 596 sa mis-sena 2002, meta allegatament kien biegh l-istess vettura lil certu Paul Abela. Illi skond ma qal ir-rikorrenti stess, huwa ma nfurmax lit-Transport Malta dwar dan il-bejgh, u lanqas qatt m'avvicina lill-istess ufficcju sabiex jinfurmahom li huwa kien biegh il-vettura.

Min-naha l-ohra l-Awtorita' ntimata ressqet bhala xhud lil Brian Farrugia in rappresentanza tat-Transport Malta, w dan ikkonferma li fis-sena 2002 il-vettura kienet registrata f'isem ir-rikorrenti w minn Dicembru 2002 'il quddiem huwa ma hallas l-ebda licenzja fuq din l-istess vettura. Mistoqsi jekk kienx gie mgharraf b'dan l-allegat bejgh ix-xhud iwiegeb fin-negattiv.

Issa skond l-**Artikolu 26** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta:

"*Kull persuna imsemmija fuq il-licenza bhala s-sid jew bhala wiehed mis-sidien, li tkun bieghet jew xort'ohra ttrasferiet il-jedd taghha fuq il-vettura li ghaliha tkun tirriferixxi l-licenza, ghandha taghti avviz lill-Awtorità ta' dak il-bejgh jew trasferiment, u ghandha fl-istess hin tipprezenta l-licenza sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet*

*sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviz ma jigix moghti u l-licenza ma tigixipprezentata, dik il-persuna, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, tibqa' suggetta ghad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura."*

Illi ghalhekk stante li r-rikorrenti ghandu f'ismu il-licenzja tal-vettura, dan ifisser li huwa r-*registered owner* taghha mat-Transport Malta, w ghalhekk jibqa' responsabbli ghaliha peress li mal-Awtorita' ma jkun ittrasferixxa l-ebda jedd tieghu.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-**Artikolu 57 (1)** tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

"*Sid ta' vettura bil-mutur li jonqos li jgedded il-licenzja relattiva ghall-imsemmija vettura bil-mutur, bla hsara ghar-responsabbiltà tieghu ghal piena kriminali taht din l-Ordinanza jew taht xi ligi ohra, ghandu jkun ukoll, u ghandu jitqies li dejjem kien, responsabbli civilment lejn l-Awtorità ghall-hlas ta' l-ammont dovut ghad-dritt tal-licenzja rilevanti*."

Illi ghalhekk skond dan l-artikolu tal-ligi sid il-vettura, li f'dan il-kaz huwa ir-rikorrenti stante li huwa r-*registered owner,* huwa responsabbli civilment ghal hlas ta' licenzji u ghalhekk ghandu jinzamm responsabbli ghal dan in-nuqqas tieghu.

**Ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet rikorrenti w tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ntimata, b'dan illi tordna li l-ittra ufficcjali numru 3634/10 datata 16 ta' Settembru 2010 tigi reza ezekuttiva ai termini tal-Artikolu 57 (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri huma a karigu tar-rikorrenti. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data meta l-ittra ufficcjali fuq imsemmija numru 3634/10 giet notifikata lir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------